# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 10**

**Avviz numru 1909/98/SM**

**Charles u Violet konjugi Vassallo**

**vs**

**Emanuel Calleja f'ismu propju u f'isem is-socjeta' "Stoneage Concrete Printing Limited".**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-9 t'Ottubru ta' l-1998 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut proprio et nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u hamsin Lira Maltin (LM950.00,0), jew somma verjuri occorrendo bl-opera ta' periti nominandi,**

**rapprezentanti danni sofferti mill-atturi meta xogholijiet ta' concrete printing li saru fil-fond numru 301, Triq l-Etna, Mellieha, proprjeta tal-atturi, ma kienx tal-kwalita' pattwita;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 15 ta' Lulju 1998, bl-imghax legali mid-data ta' l-istess u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut proprio et nomine eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi kwantu ghall-eccipjent proprio, huwa m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma l-atturi u mhuwiex il-legittimu kontradittur taghhom;**

**2. Illi kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**

**3. Bl-ispejjez kontra l-atturi;**

**Illi kwantu ghal-eccipjent nomine:**

**1. Preliminarjament it-talba attrici hija rrita u nulla stante li l-kawza tinsab ibbazata fuq danni naxxenti minn bejgh u mhux fuq appalt li ghalih japplikaw rimedji differenti minn dawk mitluba;**

**2. Sussidjarjament u bla pregudizzju, it-talba attrici hija fi kwalunkwe kaz infondata ghaliex il-materjal uzat fl-appalt kien kif kellu jkun u l-appalt gie ezegwit skond is-sengha u l-arti u l-hsara li minnha lmentaw l-atturi grat minhabba tortijiet imputabbli unikament lilhom;**

**Semghet x-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta' l-atturi;**

**Innotat li l-konvenut proprio et nomine kellu l-opportunitajiet kollha li jressaq il-kaz tieghu ghall-ezami ta' din il-qorti izda ghazel li ma juzufruwiex ruhu minn dawn l-opportunitajiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-attur inkariga lill-konvenut proprio et nomine biex jeffettwa xogholijiet fil-fond 301, Triq l-Etna, il-Mellieha;**

2. **Illi x-xoghol kien jikkonsisti f'"pattern" tal-konkrit fl-art tal-bitha ta' l-atturi;**

3. **Illi l-konvenut proprio et nomine ghamel spezzjoni tal-post fejn kellu jaghmel ix-xoghol in dizamina, ftehemu fuq il-kwalita' tax-xoghol li kellu jigi qisu gebla antika u fuq il-prezz;**

4. **Illi x-xoghol gie esegwit, kien jidher li gie sabieh izda ftit gimghat wara li kien gie terminat ix-xoghol beda jixpakka;**

5. **Illi jirrizulta li l-konvenut proprio et nomine kien ukoll obbliga ruhu li f'kaz ta' difetti mohbija fix-xoghol de quo u fil-materjal uzat hu kellu jirrifondi l-ammont ta' disa' mija u hamsin Lira Maltin, (LM950.00,0), lill-konvenut, (ara fol 43);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi kif jidher mid-dokument tekniku a fol 48 l-hsarat sofferti mill-konvenuti in konsegwenza tax-xoghol difettuz tal-konvenut proprio et nomine avveraw ruhhom;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u tikkundanna lil Emanuel Calleja f'ismu proprio u f'isem is-socjeta' "Stoneage Conrete Printing Limited" biex ihallas lill-**

**atturi Charles u Violet konjugi Vassallo l-ammont ta' disa' mija u hamsin Lira Maltin, (LM950.00,0), bl-ispejjez inkluzi l-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficcjali tal-15 ta' Lulju ta' l-1998.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**